**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 20 ta' Mejju 2019**

**Rikors Numru : 296/2018 JPG**
**Kawza Numru : 23**

**IB**
**vs.**
**GM personalment u bħala kuratriċi**
**ad litem tal-minuri TAM**

**DA**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' IM, datat 13 ta' Novembru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

> *Illi fil-25 ta' Awwissu 2014 twieled il-minuri T kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid anness u mmarkat Dokument A;*
>
> *Illi l-minuri huwa t-tifel naturali tal-attur u twieled fil-kors ta' relazzjoni li l-istess attur kellu mal-konvenuta GM;*
>
> *Illi l-konvenuta GM u l-konvenut l-iehor DA kienu de facto separati sa mis-sena 2012 u llum huma legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni*

*personali;*

*Illi l-intimat DA qatt ma ezercita l-poteri ta' genitur fil-konfront tal-minuri T;*

*Illi l-attur dejjem tratta lil minuri T bhala ibnu u dan il-fatt huwa maghruf minn nies;*

*Illi ghalhekk l-esponenti ghandu interess illi jipprosegwi b'kawza ad hoc biex il-minuri ma jibqghax maghruf bhala iben DA u jsir maghruf bhala iben il-missier naturali tieghu u cioe' l-attur IB;*

*Illi dan kollu jista' jigi pprovat b'testijiet genetici appoziti jekk ikun hemm il-htiega;*

*Illi l-attur gie awtorizzat jipprocedi ghal din il-kawza ta' digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja);*

*Ghaldaqstant, tenut kont tas-suespost, l-esponenti bir-rispett jitlob illi din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tiddikjara li l-konvenut DA ma huwiex il-missier naturali tal-minuri T;*

2. *Titlob l-korrezzjoni tal-att tat-twelid tal-minuri T certifikat numru erbat elef mija u sebgha u sittin tas-sena elfejn u erbatax (4167/2014) sabiex il-paternita tal-minuri jigi korrettament rispekkjata fl-istess att billi fil-kolonna fejn jinstabu mnizzlin il-konnotati tal-konvenut DA, jigu sostitwiti b'konnotati tal-missier naturali tal-minuri u cioe' dawk tal-attur IB;*

3. *Titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex taghmel it-tiswija rikjesta fl-att tat-twelid tal-minuri T;*

4. *Tordna li l-minuri jkun maghruf bil-kunjom "BM"*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati, jew min minnhom, li huma minn issa ingunti in subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, datata 23 ta' Novembru 2018, a fol 9 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi l-esponent jissottometti illi fil-mertu u b'referenza partikolari għall-paternita' in kwistjoni tal-minuri TAM, naturalment huwa ma huwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati mill-attur fir-rikors ġuramentat u għaldaqstant jirrimetti ruħu għar-riżultanti proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;*

2. *Illi stante s-suespost, l-esponent huwa tal-umli fehma illi jkun ta' benefiċċju jekk il-partijiet jissottomettu rwieħhom għal testijiet ġenetiċi ai termini tal-Artikolu 70A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

3. *Illi bla preġudizzju għas-suespost, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, l-esponent jinvita lill-istess IB sabiex permezz ta' nota jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament: (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-Identità, (3) l-età tiegħu meta twieled il-minuri, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta' residenza tiegħu meta twieled il-minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieled il-minuri. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-minuri TAM bin-numru progessiv 4167/2014;*

4. *Illi bla preġudizzju għas-suespost il-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandu jassumi TAM u dan a tenur tal-Artikolu 92 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

5. *Illi subordinatament, dejjem bla ħsara għal dak fuq imsemmi, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent huwa importanti li l-kelmiet '<u>the said</u>' li jinsabu qabel isem DA, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm għandhom ukoll jiġu kkanċellati mill-Atti tat-Twelid bin-numru tar-reġistrazzjoni 4167/2014;*

6. *Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għas-surriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u għalhekk huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

7. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed minn issa inġunt in subizzjoni.*

Rat ir-risposta guramentata ta' DA, datata 10 ta' Diċembru 2018, a fol 13 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi l-esponenti jaqbel illi fil-25 ta' Awwissu 2014 twieled il-minuri T kif jirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid anness mar-rikors ġuramentat tal-attur IB;*

2. *Illi l-esponenti jaqbel illi l-minuri m'huwiex il-wild naturali tal-esponent għalkemm iċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri jindika lill-istess esponent bħala l-missier naturali. Dan hu biss stante li l-minuri twieled fil-kors ta' relazzjoni li l-intimata GM kellha waqt li kienet għadha miżżewġa lill-esponent;*

3. *Illi l-esponent jaqbel li hu u l-intimata l-oħra GM kienu de facto separati sa mis-sena 2012 u llum huma legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali, liema kuntratt ta' separazzjoni jirregola biss wild l-istess GM u l-esponent u mhux lill-imsemmi minuri T stante li hu fatt magħruf bejn l-intimata GM u l-esponent li l-imsemmi minuri T m'huwiex il-wild naturali tal-esponent;*

4. *Illi l-esponent jaqbel illi huwa qatt ma' eċerżita l-poteri ta' ġenitur fil-konfront tal-minuri T;*

5. *Illi l-esponent jaqbel illi l-minuri m'għandux jibqa' magħruf uffiċċjalment bħala iben l-esponent;*

6. *Illi l-esponent jaqbel illi dan kollu jista' jiġi pruvat b'testijiet ġenetiċi appożiti jekk ikun hemm il-ħtieġa b'dan li l-esponent qed jiddikjara minn issa li lest li jissottometti ruħu għal tali eżamijiet jekk ikun hemm il-bżonn, diment illi hu ma jbati l-ebda spejjeż relatati mal-istess testijiet ġenetiċi stante l-fatt illi l-minuri hu frott ta' relazzjoni adultera li kellha l-intimata GM waqt li kienet għadha miżżewġa lill-esponent;*

*Għaldaqstant, tenut kont tas-suespost, l-esponent umilment jissottometti li:*

*(1) jaqbel mal-ewwel talba,*

*(2) jaqbel mat-tieni talba kwantu li miċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri T jiġu kanċellati l-konnotati tal-esponent u ma jibqax indikat bħala l-missier bioloġiku tal-istess minuri iżda naturalment ma jistax jikkonferma dwar il-paternita' tal-istess minuri (għalkemm dan jista' jiġi konfermat bit-testijiet ġenetiċi appożiti) u*

*(3) dwar it-tielet talba m'għandux x'jikkummenta stante li l-esponent jaqbel li l-minuri m'għandux jibqa' magħruf bħala 'A' u għalhekk il-kunjom li jieħu ma jaqax taħt xi deċiżjoni li jista' jieħu hu.*

*L-ispejjeż ta' din il-kawża m'għandhomx jiġu sapportati mill-esponent stante li l-minuri hu frott ta' relazzjoni adultera li kellha l-intimata GM u naturalment kien biss minħabba l-preżunzjoni legali li l-minuri ġie mniżżel bħala ibnu naturali.*

Rat in-nota ta' IB, li biha iddikjara id-dettalji personali tieghu (vide fol 27);

Rat id-digriet fejn laqghet it-talba ghall-applikazzjoni tal-passaport tal-minuri minghajr il-firma tal-missier; (Vide verbal tal-10 ta' April 2019, fol 30 et seqq.,)

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

**IB** xehed illi hu u l-intimata GM kienu bdew ir-relazzjoni taghhom f'Ottubru 2012, u sentejn wara kien twieled il-minuri T. Spjega illi hu kien prezenti fil-hajja tal-minuri bhala missieru sa minn mindu twieled, u ghadu hekk prezenti s'issa. Spjega li ghalkemm hu u M ma jghixux flimkien, irabbu lill-minuri bhala familja. Qal illi l-minuri jaf lilu bhala missieru, u li A qatt ma wera interess fl-istess minuri.

**GM** xehdet illi waqt li kienet mizzewwga ma' DA, kienet bdiet relazzjoni ma' IB f'Ottubru 2012, u sentejn wara kellha lill-minuri T ma' B. Qalet illi meta twieled il-minuri, hija kienet ghada ma sseparatx minn ma' A.

**DA** xehed illi ghalkemm hu u GM kienu ghadhom mizzewgin meta twieled T fl-2012, hu ilu ma jkollu kuntatt maghha sa mis-sena 2010. Qal li filfatt dak iz-zmien kienu separati *de facto*, u

ghalhekk ma kienux qed jghixu flimkien, avvolja l-kuntratt ta' separazzjoni kien ghadu ma giex iffirmat.

**Ikkonsidrat;**

Illi din hija kawza maghmula ai termini tal-Artikolu 77A tal-Kodici Civili, ai termini ta' liema:

> "***Bla ħsara għal dak li jiddisponi l-artikolu 81, kull min jgħid li huwa l-ġenitur naturali ta' wild imwieled fiż-żwieġ, jew il-werrieta tiegħu jekk huwa jkun miet qabel ma jitwieled il-wild, jista' jmexxi b'rikors ġuramentat quddiem il-qorti kompetenti kontra l-konjuġi li wiled, il-konjuġi l-ieħor u l-wild, jew il-werrieta rispettivi tagħhom jekk xi ħadd minnhom ikun mejjet, sabiex huwa jiġi dikjarat bħala l-ġenitur naturali tal-wild u dan jekk kemm-il darba huwa jirnexxielu jipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u t-tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-wild, il-konjuġi li wiled kien wettaq adulterju miegħu, u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor, li jista' wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jeskludu lill-konjuġi l-ieħor bħala l-ġenitur naturali tal-wild.***"

L-Artikolu 81 li ghalih jaghmel referenza l-artikolu appena citat, jipprovdi illi:

> "**(1)** ***Ħadd ma jista' jitlob stat kuntrarju għal dak li jagħtuh l-att tat-twelid bħala iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att.***
>
> ***(2) Hekk ukoll, ħadd ma jista' jattakka l-istat ta' iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel mal-att tat-twelid tiegħu.***"

Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghall-Artikolu 80 tal-Kodici Civili, skont liema:

> "***(1) Il-pussess tal-istat ta' iben leġittimu jiġi stabbilit minn ġabra ta' fatti li, meħudin flimkien, jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jgħid li hi l-familja tiegħu.***
>
> ***(2) L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:***

***(a) illi t-tifel ikun ġieb dejjem il-kunjom tal-missier li tiegħu hu jgħid li huwa l-iben;***

***(b) illi l-missier ikun ittrattah bħala ibnu, u, f'dik il-kwalità, ħaseb għall-manteniment u edukazzjoni tiegħu, u sabiex jikkollokah;***

***(ċ) illi t-tifel ikun ġie dejjem magħruf bħala tali man-nies;***

***(d) illi huwa jkun ġie magħruf bħala tali mill-familja."***

Fir-rigward tal-Artikolu 81 hawn fuq citat, fis-sentenza fl-ismijiet **Pierre Travers Tauss vs Direttur tar-Registru Pubbliku et noe,** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Mejju 1996 intqal illi:

> "***Iktar ma jghaddi z-zmien aktar qed taqbad l-gheruq il-fehma li r-realtajiet biologici socjali ghadhom jipprevalu fuq il-prezunzjoni legali li pater est quem iustaw nuptaie demonstrant. Fil-kaz ta' Kroon versus The Netherlands, il-Qorti Ewropea hadet in konsiderazzjoni li n-nozzjoni ta' familja ma kinitx ristretta biss ghar-relazzjonijiet ibbazati fuq iz-zwieg izda tapplika wkoll ghal de facto family ties ohra fejn il-partijiet ikunu qed jghixu flimkien izda mhux fl-ghaqda taz-zwieg. Huwa fid-dover ta' l-istat li jagixxi b'mod li din ir-relazzjoni tkompli tizviluppa fl-interess ta' l-istess minuri. Ghalhekk l-artikolu 81 tal-Kodici Civili m'ghandux johloq ostakolu ghall-akkoljiment tat-talbiet ta' l-attur.***"

Il-Qorti rat illi l-minuri T twieled fil-25 t'Awissu 2014, u gie irregistrat bhala iben DA, li dak iz-zmien kien ghadu legalment mizzewweg ma' GM ghalkemm kienu diga *de facto* sseparati sa mis-sena 2010. Illi pero jirrizulta u mhux kontestat illi f'dan iz-zmien, M kellha relazzjoni ohra mar-rikorrent IB.

Jirrizulta illi ghalkemm il-minuri huwa rregistrat bhala iben DA, huwa m'ghandu l-ebda relazzjoni mieghu. Il-Qorti rat ukoll illi r-rikorrent kien dejjem prezenti fil-hajja ta' ibnu bhala missieru sa minn meta twieled, u ghadu hekk irabbih sal-gurnata tal-llum.

Il-Qorti rat ukoll illi mit-testijiet genetici, li f'kawzi bhal dawn huma l-prova regina, jirrizulta car illi r-rikorrent huwa l-missier biologiku tal-minuri. Illi ghalhekk il-parentela tal-minuri giet

stabbilita minghajr ombra ta' dubbju u minn dan isegwi illi t-talbiet tar-rikorrent huma fondati fil-fatt u fid-dritt, u kwindi ghandhom jigu milqugha.

Fir-rigward tal-kunjom tal-minuri, il-Qorti rat illi ghalkemm il-minuri huwa rregistrat bhala iben DA, huwa jaf biss lil IB bhala missieru. Rat ukoll illi l-minuri ghadu ha jaghlaq hames snin, u ghalhekk ghadu ser jibda l-iskola primarja din is-sena. Ghalhekk fil-fehma konsiderata tal-Qorti, il-minuri m'hu ser ibati l-ebda pregudizzju jekk isir tibdil f'kunjomu sabiex dan jirrifletti n-nisel bijologiku reali tieghu. Illi ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri illi kunjomu jinbidel fuq l-att tat-twelid sabiex jirrifletti l-verita li huwa ilu jghix sa minn mindu twieled.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti u ghaldaqstant:**

**(1) Tiddikjara li l-minuri TAM, huwa effettivament il-wild naturali tar-rikorrent IB;**

**(2) Tiddikjara li l-konvenut DA ma hux il-missier naturali ta' TAM;**

**(3) Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet kollha necessarji fic-Certifikat tat-Twelid ta' TAM liema att ghandu n-numru erbat elef mija u sebgha u sittin tas-sena elfejn u erbatax (4167/2014) sabiex jirrifletti din il-verita' dwar il-paternita' tal-minuri fosthom:**

**(a) jbiddel l-kunjom "AM" fil-kolonna "Isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" bil-kunjom "BM" sabiex jirrispekkja l-kunjom tal-missier naturali;**

**(b) jhassar il-kliem "DA" fil-kolonna "Isem u Kunjom" b'referenza ghall-Missier it-Tarbija, u minflok inizzel "IB", ihassar il-kliem "the said" fil-kolonna "Isem u Kunjom" b'referenza ghall-Omm it-Tarbija, ihassar n-numru tal-Karta tal-Identita Maltija "X" fil-kolonna "Id-Dokument ta' l-Identita" relattiv ghall-missier tal-minuri u minflok inizzel n-numru tal-Karta tal-Identita Maltija "Y", ihassar n-numru "38" fil-kolonna "Eta'" b'referenza ghall-missier tal-minuri u minflok inizzel in-numru "37", ihassar l-post "G" fil-kolonna "Fejn**

**Joqghodu", in kwantu jirrigwarda l-intestata "Missier it-tarbija" u minflok inizzel l-post "V", ihassar il-kliem "CA (Alive)" u minflok inizzel il-kliem "AJB (Alive)" fil-kolonna "Isem u Kunjom il-Missier u jekk hux haj jew mejjet".**

**L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri, inkluz ir-rikors ghall-awtorizazzjoni, ghandhom jithallsu minn GM.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**